MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Numru 2000/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**Antonio Hernandes Pastor ta’ nazzjonalia` Spagnola imwiled nhar it-3 tt’Awissu, 1978, f’Cartagena (Murcia), Spanja, detentur tal-passaport Spanjol Nru: AA864434, mahrug nhar id-19 ta’ Mejju 2004, ID no. A2302298800**

**u**

**Ricardo Santiago Gago mwieled nhar il-11 ta’Frar 1959, f’Marin, Pontevedra, Spanja u residenti C’ Jaime Janer 54, Marin Pontevedera, Spanja, detentur tal-passaport Spanjol Nru. P862254 mahrug nhar it-28 t’Awissu 2002, ID No A7680637100**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Antonio Hernandes Pastor u Ricardo Santiago Gago u cioe` talli fit-18 ta' Novembru 2008 ghall-habta ta' 4.45 ta' filghodu u fis-sieghat ta' qabel fl-ibhra tas-sajd Maltin, fil-kapacita' taghhom bhala kaptan, sid jew il-persuna li kriet il-bastiment 'Cuidad de Cartegena' registrat fi Spanja bin-numru 3CT4296, waqt li kienu fuq l-istess bastiment, wettqu sajd li ma kienx awtorizzat b'licenza moghtija skond l-*Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd,* Kap. 425, Ligijiet ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 10 tal-istess Att, kif ukoll minghajr licenza specjali ai termini tal-Artikolu 10 tal-istess Att kif ukoll minghajr licenza specjali aitermini tal-Artikolu 26 tal-*Council regulation 1967/2006 concerning management measures for the sustainable exploitation of fishery resources in the Mediterranena Sea*;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi meta kellhom hut abbord naqsu li javzaw lil ufficjal ghat-tharis tas-sajd bl-ammonti, bid-deskrizzjonijiet u bil-prezentazzjoni ta' hut abbord il-bastiment ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap. 425;

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkosanzi meta kienu hekk projbiti bil-Kap. 425, Ligijiet ta' Malta milli jistadu fl-ibhra tas-sajd Maltin, ma kellhomx it-taghmir tas-sajd jew dik il-parti mit-tghamir tas-sajd li ma kieneitx mehtiega ghas-sajd permess, stivati b'dak il-mod li ma jkunux ghal-lest li jintuzaw ghas-sajd, jew stivati b;dak il-mod iehor lijista' jkun preskritt, u dan ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kap. 425;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet riaffermata wara li il-Qorti tghathom zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi illi fid-dawl ta' l-ammisjoni maghmulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija mghamulha mill-imputati u l-fatt li kkollaboraw mal-pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 10, 11, 14 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-multa kumplessiva ta’ tmienja u ghoxrin elf euro (€28,000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------